MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 334/2004

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Red October Limited u l-istess Red October Limited u b'Nota tat-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited assumiet l-atti
minghand Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Letizia Libreri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm388.26c (tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli

minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta bil-vettura DBF 134 qalet li mhix responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Form* fejn is-sewwieqa Jacqueline Cassar tghid li l-konvenuta waqfitilha l-vettura u mxiet b'lura ghal gol-vettura taghha.

Il-konvenuta qalet li kienet tiela' t-telgha Ta' Alla w Ommu u meta biddlet il-*gear* mit-*third* ghas-*second* hasset daqqa minn wara. Tghid li ma kellhiex fejn timxi lura.

Ra x-xhieda ta' Stephen Conti li huwa l-*Claims Manager* mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li s-socjeta' attrici hallset l-ammont imsemmi fl-istess Avviz.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tikkonferma r-*Road Accident Report*. Taqbel li l-habta saret f'telgha u mhux fil-wita. Tghid li kienet qalbet il-*gear* mit-*third* ghas-*second* ghaliex il-karozza ma bdietx tirrispondi tajjeb.

Ra x-xhieda ta' Jacqueline Cassar fejn tghid li dakinhar ta' l-incident kien hemm *traffic jam* u ghalhekk il-karozzi kienu qed isuqu bil-mod, jieqfu, jtellghu l-*hand brake* u mbaghad jergghu jsuqu. F'hin minnhom waqt li Cassar kienet wieqfa tghid li l-konvenuta marret lura u sar l-impatt.
Tghid illi l-konvenuta harget mill-karozza taghha u skuzat ruhha ghaliex ma kienx dahlilha t-*top gear*.

Fil-kontro-ezami tichad li baqghet diehla fil-vettura tal-konvenuta. Tghid li l-vettura tal-konvenuta giet lura tul ta' karozza.

Ra xhieda ohra tal-konvenuta fejn tghid illi hi kienet ghaddejja bit-*third gear* imbaghad tefghatha *second* u mbaghad *first* u saret il-habta. Tghid li l-*hand brake* qatt ma wzatu ghaliex hi kienet miexja 'l quddiem.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu." **(Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)**

Illi dan it-Tribunal kellu dubju fil-verzjoni tal-konvenuta billi huwa stramb li jekk persuna tiehu daqqa minn wara fil-karozza taghha ghandha toqghod issemmi l-fatt li kienet qieghda tbiddel il-*gears*. Illi minkejja dan id-dubju dan it-Tribunal jikkonkludi li m'hemmx bizzejjed provi biex jikkonkludi li l-konvenuta kellha tort ghal dan l-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------